Nru./No. 20,809
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022
Thursday, 17th March, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 4465
Government Notices *4465*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4465 - 4466
Police Notices ..... *4465 - 4466*

Avviżi tal-Qorti ..... 4466 - 4468
Court Notices ..... *4466 - 4468*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 318

REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (L.S. 549.42)

Ħatra tal-Kumitat Ornis

BIS-SAĦĦA tar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), ġiet approvata l-ħatra tal-persuni li ġejjin sabiex iservu fuq il-Kumitat Ornis.

Chairperson
Dott. Joseph Grech

Membri
Is-Sur Darrin Stevens
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Victor Dimech
Dott. Gaynor Saliba
Is-Sur Joe Perici Calascione
Is-Sur Lino Farrugia
Is-Sur Mark Sultana
Is-Sur Nicholas Barbara
Is-Sur Mark Gauci
Is-Sur Lucas Micallef

Segretarju
Is-Sur Richard Lia

Dawn il-ħatriet huma effettivi mill-4 ta' Marzu, 2022, għal perjodu ta' sena (1).

Is-17 ta' Marzu, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 24

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Mill-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, 2022, fis-6.00 a.m., sal-Ħadd, 27 ta' Marzu, 2022, fis-6.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja

GOVERNMENT NOTICE

No. 318

CONSERVATION OF WILD BIRDS REGULATIONS (S.L. 549.42)

Appointment of the Ornis Committee

IN terms of regulation 10 of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), it has been approved that the following persons be appointed to serve on the Ornis Committee.

Chairperson
Dr Joseph Grech

Members
Mr Darrin Stevens
Mr Horace Micallef
Mr Victor Dimech
Dr Gaynor Saliba
Mr Joe Perici Calascione
Mr Lino Farrugia
Mr Mark Sultana
Mr Nicholas Barbara
Mr Mark Gauci
Mr Lucas Micallef

Secretary
Mr Richard Lia

These appointments are effective from the 4th March, 2022, for a period of one (1) year.

17th March, 2022

POLICE NOTICE

No. 24

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

From Friday, 25th March, 2022, at 6.00 a.m., till Sunday, 27th March, 2022, at 6.00 p.m., no parking through ex Trade

mill-eks parkeġġ tal-grounds tat-Trade Fair, Triq San Pawl, Pjazza Ċelsi, Triq il-Markiż Ġużeppi Scicluna, Triq it-Torri tal-Kaptan, Triq il-Kappella tax-Xagħra, Triq it-Torri Gauci, Triq San Timotju, Triq H. J. Newman u Triq il-Ġiżwiti.

Nhar it-Tlieta, 12 ta' April, 2022, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa u Triq Santa Luċija.

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, mis-1.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa u Triq Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa u Triq Santa Luċija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Marzu, 2022

Fair Grounds car park, Triq San Pawl, Pjazza Ċelsi, Triq il-Markiż Ġużeppi Scicluna, Triq it-Torri tal-Kaptan, Triq il-Kappella tax-Xagħra, Triq it-Torri Gauci, Triq San Timotju, Triq H. J. Newman and Triq il-Ġiżwiti.

On Tuesday, 12th April, 2022, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m., through Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa and Triq Santa Luċija.

On Friday, 15th April, 2022, from 1.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa and Triq Santa Luċija.

On Sunday, 17th April, 2022, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa and Triq Santa Luċija.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

17th March, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

443

ARB/C016/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Marzu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Victor G. Axiak, LLD). Kumpilazzjoni Numru 135/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

CLAYTON MC KAY, diżokkupat, ta' 28 sena, iben il-mejjet Martin u Dolores xebba Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Marzu, 1993, u residenti ġewwa Blk B, Flat 2, Triq Fra Ġammari Zammit, Iż-Żurrieq, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 133993M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' CLAYTON MC KAY u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

ARB/C016/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th March, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD). Compilation Number 135/2022, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

CLAYTON MC KAY, unemployed, 28 years, son of the late Martin and Dolores née Mifsud, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th March, 1993, and residing at Blk B, Flat 2, Triq Fra Ġammari Zammit, Żurrieq, and holder of Maltese identity card bearing number 133993M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to CLAYTON MC KAY and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 15 ta' Marzu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 15th March, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

444

ARB/C017/2022 – ORDNI TEMPORANJA TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Marzu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Victor G. Axiak, LLD). Kumpilazzjoni Numru 138/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

ANDREW AGIUS, tabib, ta' 45 sena, iben Godfrey u Concetta xebba Izzo, imwieled San Ġiljan, Malta, fit-23 ta' Frar, 1977, residenti ġewwa 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 124077M.

ORDNAT is-sekwestru temporanju f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' ANDREW AGIUS u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 23A (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A (3) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu

ARB/C017/2022 – TEMPORARY FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th March, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD). Compilation Number 138/2022, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

ANDREW AGIUS, doctor, 45 years, son of Godfrey and Concetta née Izzo, born in St Julian's, Malta, on the 23rd February, 1977, residing at 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 124077M.

ORDERED the temporary attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to ANDREW AGIUS and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 23A (3) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 23A (3) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred

(€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 15 ta' Marzu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 15th March, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

445

B'digriet tat-30 ta' April, 2019, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Novembru, 2021, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' April, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamru numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-flat numru wieħed (1) fil-livell first floor fi blokk ta' żewġ flats u garaxxijiet sottostanti, mingħajr numru bl-isem Davpol, ukoll bin-numru sitta u tletin (36), Triq il-Mensija, San Ġwann, flimkien mas-sehem relattiv mill-partijiet komuni in komuni mal-flat sottostanti, inkluż il-bjut. Dan il-flat huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59), pagabbli bil-quddiem fl-ewwel ġurnata ta' Lulju ta' kull sena. Dan il-blokk huwa konfinanti mil-Lvant mill-imsemmija triq, fuq it-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Debono u man-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Raymond Baldacchino u dan kif deskritt fil-kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Maurice A. Gambin datat is-7 ta' Novembru, 1994, u stmat li jiswa mija u ħamsin elf ewro (€150,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Michael Balzan Limited (C15764).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 51/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 30th April, 2019, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th November, 2021, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 7th April, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room numbered 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Flat numbered one (1) on the first floor of a block of two flats and underlaying garages, without number named Davpol, also with number thirty-six (36), Triq il-Mensija, San Ġwann, together with the relative share of the common parts in common with the underlaying flat, including the roofs. This flat is subject to annual and perpetual ground rent of forty-six euro and fifty-nine cents (€46.59), payable in advance on the first day of July every year. This block is bounded on the East by the said street, on the North by property of Carmelo Debono and on the South by property of Raymond Baldacchino as described in public contract of Notary Maurice A. Gambin acts, dated 7th November, 1994, and is being valued at one hundred and fifty thousand euro (€150,000)

The said tenement is the property of Michael Balzan Limited (C15764).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 51/2018.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday 8th March, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603